

Brussell, 17 ta' Jannar 2025
(OR. en)

5404/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2024/0010(NLE)**

**ACP 4
WTO 3
RELEX 51
COASI 13**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	ST 8004/24
Nru dok. Cion:	ST 6374/24 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni ta' Niue mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra - Adozzjoni

1. Fl-24 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni ta' Niue mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra u, bħala anness, l-offerta tal-aċċess għas-suq ippreżentata minn Niue (ST 6374/24 + ADD 1).
2. Fid-19 ta' Marzu 2024, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP eżamina l-proposta msemmija hawn fuq u qabel mat-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.
3. Fis-17 ta' Ġunju 2024, il-Kunsill talab l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-adeżjoni ta' Niue mal-Ftehim.
4. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu fit-18 ta' Diċembru 2024.

5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP ikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Jannar 2025.
 6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
 - jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni ta' Niue mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, kif tinsab wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti fid-dokumenti ST 7920/1/24 REV 1 + ST 7920/24 ADD 1;
 - jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill;
 - jordna l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.
-